MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Numru. 1277/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Lewis Falzon bin Carmel u Josephine nee` Cachia, imwieled Qormi fil-10/05/1960, residenti 65, Triq Tal-Borg, Paola u detentur tal-karta ta' l-identi bin-numru 354660M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli bejn il-21 ta' Lulju 2010 u t-02 ta' Awissu 2010 f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzoni wahda.

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ Anthony Mifsud ghal ammont ta’ aktar minn €2329.37 u dan bi ksur ta’ Artikolu 308, 309 u 310(1)(a) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Akkuzat ukoll talli b’hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija waqt sentenza ta’ sena prigunerija sospiza ghal tlett snin mghotijin lilu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. nhar it-02 ta’ Frar, 2010

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat ghandu problem psikjatrici fejn sahansitra anke spicca rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli u ghalhekk ghandu bzonn min jghinu sebiex jeghleb il-problemi li ghandu. Ghalhekk piena karcerarja f’dana l-kaz ma hijiex idonja. Inoltre l-imputat qieghed ihallas lil parte leza d-danni sofferti kollha kagjonati minnu, ghalkemm ghandu problem finanzjari serji.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a) u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.  Inoltre wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) il-Qorti qeghda tbiddel l-ordni maghmula fis-sentenza ta’ sena prigunerija sospiza ghal tlett snin moghtija min dina l-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli tat-02 ta’ Frar, 2010, billi testendi iz-zmien operattiva ta’ din is-sentenza ghal zmien tlett snin li jibdew jiddekorru mill-gdid mil-lum filwaqt li tikkonferma l-bqija tal-ordni.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation jew jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat ihalla lill-parte leza s-somma ta’ tlett elef u hamsin euro (€3,050) fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skondi il-ligi.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ l-atti flimkien mas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------